GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT,
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAS-SNIN BIKRIN, LINGWI U STUDJI UMANISTIĊI

**ĊIRKULARI**

Referenza: DELH 034/2026

Mingħand: L-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

Lil: Diretturi Ġenerali
Uffiċjali Ewlenin tal-Informazzjoni
Chairpersons
Uffiċjali Eżekuttivi Ewlenija
Diretturi / Assistenti Diretturi
Kapijiet tal-Kulleġġi
Kapijiet tal-Iskejjel Sekondarji tal-Istat
Uffiċjali Edukattivi
Kapijiet tad-Dipartiment
Ħaddiema (MEYR)

Suġġett: Attività Kurrikulari fil-Biblijotekja Nazzjonali: Mixjet il-Malti – Minn Caxaro sa Aquilina

Data: 16 t'April 2026

---

Id-DIpartiment tal-Malti tad-Direttorat għas-Snin Bikrin, Lingwi u Studji Umanistiċi bi sħab mal-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta ser torganizza attività interattiva ta' riċerka għall-istudenti tad-disa' sena tas-sekondarja bl-isem Mixjet il-Malti – Minn Caxaro sa Aquilina.

**L-Għanijiet tal-Attività**

Din l-attività hija marbuta mas-sillabu tal-Malti u toffri opportunità lill-istudenti li jżuru l-Bibljoteka Nazzjonali u japprezzaw it-teżori stampati li hemm merfugħa fiha.

**Il-Programm fil-Bibljoteka Nazzjonali**

Din l-attività tikkonsisti f'żewġ partijiet. Fl-ewwel parti l-istudenti se jaraw filmat dwar l-istorja tal-bini tal-Bibljoteka, is-sehem ta' Agius de Soldanis, il-katalogar tal-kotba jew dokumenti, il-kotba b'legatura personalizzata, l-album tal-akwarelli, u mappa antika tal-Mediterran (jiġifieri dik tal-1490) fost l-oħrajn. Uħud minn dawn il-kotba antiki u imprezzabbli ser jintwerew lill-istudenti biex filwaqt li jagħrfu t-teżori stampati li għandna, japprezzaw ukoll il-ħidma kbira li ssir fil-Bibljoteka biex dawn jitħarsu.

Fit-tieni parti tal-attività, l-istudenti jitilgħu fis-sala ewlenija fejn ikunu jistgħu fil-Bibljoteka jaraw għadd ta' manuskritti, ġurnali u kotba marbutin mal-istorja tal-lingwa u l-letteratura Maltija, u jaħdmu t-taħriġ li għandhom fi ktejjeb imħejji apposta għal din  l-attività.

**Id-Dati u l-Ħinijiet tal-Attività**

Din l-attività se ssir għall-iskejjel sekondarji Maltin u Għawdxin u tinfirex fuq ħamest ijiem mill-20 sal-24 ta'April 2026. Il-wirja fis-sala ewlenija se tkun ukoll miftuħa għall-pubbliku fil-ħinijiet tal-ftuħ tal-Bibljoteka Nazzjonali li huma mit-8.15am sal-5.00pm. Għall-iskejjel ser ikun hemm żewġ sessjonijiet, waħda li tibda fid-9.30am u l-oħra fil-11.30am. Minħabba raġunijiet ta' spazju u n-natura tal-post, f'kull sessjoni tista' tipparteċipa biss klassi waħda.

**It-Tħejjija minn qabel fil-klassi għall-attività**

L-għalliema tal-Malti għandhom iħejju lill-istudenti tagħhom minn qabel għal din l-attività billi jinqdew bil-preżentazzjoni li tinsab fis-sit elettroniku http://malti.skola.edu.mt fit-taqsima tas-sekondarja (id-disa' sena, il-lingwa, it-taħdit). Din il-preżentazzjoni tinkludi tagħrif dwar il-kittieba u l-materjal stampat li l-istudenti ser jaraw fis-sala tal-Bibljoteka Nazzjonali. Fuq din il-preparazzjoni ser jinbena t-taħriġ fil-ktejjeb li jridu jimlew l-istudenti meta jżuru l-Bibljoteka.

Għalhekk huwa importanti ħafna li l-għalliema jħejju sewwa minn qabel lill-istudenti tagħhom fuq il-materjal li se jaraw fil-Bibljoteka biex din l-attività tirnexxi tassew u tkun ta' ġid għall-istudenti li jattendu.

**Il-Ktejjeb ta' Taħriġ għall-istudenti**

Bħala taħriġ għal dakinhar tal-attività, tħejja ktejjeb apposta b'għadd ta' eżerċizzji qosra ta' riċerka li jridu jsiru mill-istudenti minn fuq il-kotba u d-dokumenti l-oħra li ser ikunu għall-wiri fil-Bibljoteka. Hemm żewġ verżjonijiet tal-ktejjeb: l-ewwel verżjoni b'tagħrif iddettaljat dwar kull dokument espost fil-wirja, filwaqt li t-tieni verżjoni tinkludi ftit tagħrif fuq kull dokument u t-taħriġ li l-istudenti jridu jagħmlu waqt l-attività.

L-ewwel verżjoni tal-ktejjeb, imsejħa *Ktejjeb ta' Tagħrif*, tista' titniżżel u tkun stampata minn dawk l-istudenti u/jew għalliema li jkunu jixtiequ jkollhom tagħrif aktar dettaljat dwar dak li jkunu qegħdin jaraw fil-wirja. L-għalliema għandhom jagħtu wkoll l-indirizz elettroniku tas-sit fejn jinsab dan il-materjal edukattiv lill-istudenti tagħhom biex ikunu jistgħu jirreferu għalih ukoll minn darhom.

Min ikollu bżonn aktar tagħrif jista' jkellem lill-Kap tad-Dipartiment tal-Malti jew lill-Uffiċjal Edukattiv tal-Kulleġġ tiegħu.

Grazzi tal-koperazzjoni tagħkom.

**Dr Alice Micallef**

**Direttriċi**
**Snin Bikrin, Lingwi u Studji Umanistiċi**